MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 184/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Philip Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tat-23 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’hames skritturi privati datati 4 ta’ Settembru 2004 (Dok. A), 19 ta’ Jannar 2005 (Dok. B), 9 ta’ Dicembru 2006 (Dok. C), 8 ta’ Novembru 2007 (Dok. D) u 22 ta’ Mejju 2008 (Dok. E) is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Philip Sciberras;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Philip Sciberras fis-somma ta’ sebgha u erbghin elf, hames mija u wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centezmu

(€47,521.94) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Philip Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. F, G1 sa G2, u Dok. H1 sa H2, Dok. I1 sa I4 u Dok. J1 sa J4) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti A, B, C, D u E), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Philip Sciberras
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Philip Sciberras li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenut Philip Sciberras gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Mejju 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. K, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl- iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti A, B, C, D u E) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Philip Sciberras (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Philip Sciberras li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil Philip Sciberras ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha u erbghin elf, hames mija u wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u disghin centezmu (€47,521.94) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan Accounts”* ta’ Philip Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. F, G1 sa G2, u Dok. H1 sa H2, Dok. I1 sa I4 u Dok. J1 sa J4) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-18 ta’ Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta’ Mejju 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata li tghid hekk:
1. Preliminarjament, in-nullita tar-rikors guramentat in kwantu dan gie mahluf minn Romuald Attard li mhuwiex munit bir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta attrici;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi ma jokkorrux l-elementi riferiti fl-ewwel talba attrici sabiex is-socjeta attrici titlob ir-restituzzjoni immedjata tal-prestitu;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz mhuwiex dovut almenu fl-interezza tieghu peress li saru diversi pagamenti kontra d-debitu tal-esponenti u dan kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez;

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni attrici hi intempestiva u l-esponenti m’ghandux jigi kkundannat ihallas spejjez stante li kien qed jaghmel pagamenti lis-socjeta attrici;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza u li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-11 ta’ Gunju 2012;

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn il-bank attur ikkonceda hames facilitajiet bankarji lil konvenut konsistenti f’self bl-imghax bejn l-2004 u 2008 u dan permezz ta’ hames skritturi privati (Dok. A sa Dok. E) annessi mar-rikors guramentat, li jikkontjenu events of default skond formola ADV27 annessa ma’ kull skrittura (ara fol. 120 tal-process) fosthom nuqqas ta’ hlas, bdil avversi ta’ cirkostanzi finanzjarji tad-debitur, fejn fl-eventwalita ta’ tali cirkostanza jew cirkostanzi, il-bilanc tad-debitu jsir dovut immedjatament malli l-bank jitlob il-hlas bil-miktub.

Jidher mill-atti illi fit-13 ta’ Mejju 2009, il-bank attur interpella b’ittra ufficjali lil konvenut biex ihallas il-bilanc hekk kif dovut dakinhar (fol. 34 tal-process), u dan skond il-prospett Dok. F, G1 sa G2 u H1 sa H5 u Dok. 11 sa 14 u Dok. J1 sa J4 annessi mar-rikors guramentat.

Fil-mori tal-proceduri l-bank attur irriduca t-talba tieghu minhabba hlasijiet pendente lite (fol. 101 tal-process) tali u fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2012 il-bank attur rega’ irriduca l-pretensjoni tieghu ghal €41,495.80 flimkien mal-imghax mit-30 ta’ April 2012 (fol. 116 tal-process) u dan skond prospett aggornat Dok. BOVX1 sa Dok. BOVX5 minn fol. 121 et seq. tal-process.

**Eccezzjonijiet tal-konvenut**
**Rapprezentanza guridika**

Il-konvenut eccepixxa n-nullita tar-rikors guramentat ghax ir-rikors guramentat mahluf minn Romuald Attard mhux validu bili l-istess Attard ma ghandux din ir-rapprezentanza. Il-bank attur irrisponda l-affidavit ta’ Dr. Catherine Formosa, segretarja tal-kumpanija tal-bank

attur fejn esebit ir-rizoluzzjoni tal-bank li fiha l-istess Romuald Attard inghata r-rapprezentanza legali ai fini tal-artikolu 7 tal-Memorandum and Articles tal-kumpanija (ara fol. 118 u 119 tal-process). Il kawza infethet wara d-data tar-rizoluzzjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Nuqqas ta' elementi ghall-ewwel talba u intempestivita**

It-talba attrici timpernja ruhha fuq in-nuqqas tal-konvenut li jhallas ir-rati mensili fuq id-debiti accettati minnu. Dan jirrizulta ppruvat mill-ftehim tal-loans u kondizzjonijiet ta' restituzzjoni u cirkostanzi ta' 'default' u konsegwenzi ghal tali default. Jirrizulta mill-fatti mhux kontradetti illi circa sena wara li l-konvenut waqaf ihallas, il-bank attur baghat ittra ufficjali ghal hlas tal-bilanc (fol. 34 tal-process). Kien wara l-interpellazzjoni u ftuh tal-kawza li l-konvenut hallas xi akkonti. Ghalhekk il-bank attur kien in piena regola u tempestiv ghall-ahhar li jagixxi ai termini tal-ftehim ghal hlas lura tal-bilanc dovut. Anki dawn l-eccezzjonijiet qed jigu respinti.

**Hlasijiet li saru u kwindi ammont pretiz mhux dovut fl-intier tieghu**

Il-bank attur irriduca darbtejn it-talba tieghu mhux minhabba din l-eccezzjoni izda minhabba pagamenti tad-debitur akkont tal-bilanc tad-debitu fil-mori tal-proceduri. Il-konvenut li ma xehdx u ma pprezentax provi pprezenta mal-eccezzjonijiet tieghu zewg cheques (fol. 45 u 46 tal-process) ta' €1,000 datat 8 ta' Frar 2011 u ta' €500 datat 2 ta' Marzu 2011, liema ammonti huma riflessi fir-rendikont tal-bank senjatament fol. 135 tal-process. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma fihiex siwi.

Il-konvenut ma ressaq ebda provi jew eccezzjoni ohra li tiggustifika d-difiza tieghu li l-bank attur ma hux dovut l-ammont mitlub minnu skond l-ahhar riduzzjoni tat-talba tieghu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ l-ewwel talba attrici kif dedotta u tilqa’ t-tieni talba b’dan illi l-ammont dovut lil bank attur hu ta’ wiehed u erbghin elf, erba’ mija u hamsa u disghin euro u tmenin centezmu (€41,495.80) bl-imghax ulterjuri mit-30 ta’ April 2012 sal jum tal-pagament effettiv. L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------